Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

P9_TA(2020)0232

Is-sitwazzjoni fir-Russja, l-avvelenament ta' Alexei Navalny

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2020 dwar is-sitwazzjoni fir-Russja: l-avvelenament ta' Alexei Navalny (2020/2777(RSP))

(2021/C 385/13)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali,

— wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tal-Federazzjoni Russa, b'mod partikolari l-Kapitolu 2 u speċifikament l-Artikolu 29 tagħha dwar il-ħarsien tal-libertà tal-kelma, u l-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem li r-Russja ntrabtet li tosserva bħala membru tal-Kunsill tal-Ewropa, tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) u tan-Nazzjonijiet Uniti,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni magħmula mir-Rappreżentant Għoli f'isem l-UE fit-3 ta' Settembru 2020 dwar l-avvelenament ta' Alexei Navalny,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-Viċi President tal-Kummissjoni / ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) tal-24 ta' Awwissu u t-2 ta' Settembru 2020 dwar l-avvelenament ta' Alexei Navalny;

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem Michelle Bachelet tat-8 ta' Settembru 2020, li appellat li ssir investigazzjoni indipendenti dwar l-avvelenament ta' Alexei Navalny,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-G7 tat-8 ta' Settembru 2020 dwar l-avvelenament ta' Alexei Navalny,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta' Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom (il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi), li tipprojbixxi l-użu, l-iżvilupp, il-produzzjoni, il-ħżin u t-trasferiment ta' armi kimiċi,

— wara li kkunsidra l-adozzjoni unanima tad-deċiżjonijiet C-24/DEC.4 u C-24/DEC.5 mill-24 Sessjoni tal-Konferenza tal-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi tas-27 ta' Novembru 2019, li żiedu l-aġent nervin Novichok organophosphorus fl-Iskeda 1 tal-Anness dwar is-Sustanzi Kimiċi tal-Konvenzjoni, u d-dħul fis-seħħ ta' dawn id-deċiżjonijiet fis-7 ta' Ġunju 2020;

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-isptar Charité – Universitätsmedizin Berlin tal-24 ta' Awwissu 2020 li tgħid li Alexei Navalny kien il-vittma ta' avvelenament b'aġent nervin kimiku,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Gvern Federali Ġermaniż tat-2 ta' Settembru 2020 li tappella b'urġenza lill-Gvern Russu biex jagħmel dikjarazzjoni dwar l-inċident u jikkundanna l-attakk bl-aktar mod qawwi possibbli,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) tat-3 ta' Settembru 2020 dwar allegazzjonijiet ta' użu ta' armi kimiċi kontra Alexei Navalny, li tissottolinja li "skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi, kwalunkwe avvelenament ta' individwu permezz tal-użu ta' aġent nervin jitqies bħala użu ta' armi kimiċi",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 7 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li t-tnejn jipprevedu li ħadd ma għandu jkun soġġett għal tortura jew għal trattamenti jew pieni krudili, inumani jew degradanti, u li l-Federazzjoni Russa hija firmatarja tagħhom,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar id-Dritt u r-Responsabbiltà ta' Individwi, Gruppi u Organi tas-Soċjetà li Jippromwovu u Jħarsu d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali Universalment Rikonoxxuti, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fid-9 ta' Diċembru 1998,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi Alexei Navalny, politiku tal-oppożizzjoni, avukat, blogger u attivist kontra l-korruzzjoni ewlieni Russu, kixef diversi kwistjonijiet ta' korruzzjoni li jinvolvu intrapriżi kummerċjali u politiċi Russi, mexxa għadd ta' protesti pubbliċi madwar ir-Russja kollha u sar wieħed mill-ftit mexxejja effettivi tal-oppożizzjoni Russa; billi huwa kien ġie detenut, arrestat, u kkundannat preċedentement, f'tentattivi biex jitwaqqfu l-attivitajiet politiċi u pubbliċi tiegħu; billi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddikjarat li għadd minn dawk il-proċeduri kienu abbużivi u jmorru kontra l-prinċipju ta' proċess ġust; billi Alexei Navalny kien ġie attakkat fiżikament fl-2017 bl-użu ta' diżinfettant mediku li ħallih kważi għami, u permezz ta' allegat avvelenament matul id-detenzjoni tiegħu fl-2019; billi għal dawn iż-żewġ każijiet, l-awturi ma tressqux quddiem il-ġustizzja;

B. billi Alexei Navalny hu rapportat li fl-20 ta' Awwissu 2020 daħal f'koma abbord titjira interna Russa, ġie ttrasportat lejn sptar fil-belt Russa ta' Omsk u, fuq talba tal-familja tiegħu, ilu jirċievi trattament mediku fl-isptar Charité f'Berlin mit-22 ta' Awwissu 2020;

C. billi l-attentat ta' qtil ta' Alexei Navalny seħħ fil-perjodu ta' qabel l-elezzjonijiet lokali u reġjonali tar-Russja fit-13 ta' Settembru 2020, fejn hu u t-tim tiegħu kienu involuti b'mod attiv fl-introduzzjoni ta' strateġija ta' "votazzjoni intelliġenti" biex jgħelbu l-kandidati tar-reġim ta' Putin; billi dan jixħet dawl partikolarment inkwetanti fuq l-istat tad-demokrazija, il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż;

D. billi eżatt qabel l-attentat ta' avvelenament, Alexei Navalny kien f'Novosibirsk u Tomsk, fejn kien qed jinvestiga każijiet ta' korruzzjoni fost il-gvernaturi lokali; billi permezz tal-attivitajiet tiegħu kontra l-korruzzjoni fir-reġjuni, Alexei Navalny żied il-kuxjenza dwar każijiet bħal dawn fost il-pubbliku lokali, u b'riżultat ta' dan, żdied l-għadd ta' nies li ħarġu jivvutaw fl-elezzjonijiet reġjonali, u b'hekk immobilizza l-voti favur l-oppożizzjoni; billi Alexei Navalny stabbilixxa sistema ta' 40 uffiċċju reġjonali madwar il-pajjiż, li jiskrutinizzaw l-awtoritajiet lokali fuq bażi permanenti, iżda huma wkoll soġġetti għal intimidazzjoni u persekuzzjoni mill-awtoritajiet Russi;

E. billi Alexei Navalny esprima l-appoġġ qawwi tiegħu għad-dimostranti f'Khabarovsk u l-Belarussja u qies il-bidliet fil-Belarussja bħala ispirazzjoni għall-poplu tar-Russja;

F. billi l-assassinji u l-avvelenamenti politiċi fir-Russja huma strumenti sistemiċi tar-reġim immirati b'mod deliberat kontra l-oppożizzjoni; billi dan huwa aggravat aktar min-nuqqas ta' rieda tal-awtoritajiet li jinvestigaw bir-reqqa l-omiċidji jew attentati ta' omiċidji politikament motivati ta' Anna Politkovskaya, Boris Nemtsov, Sergei Protazanov, Vladimir Kara-Murza u oħrajn; billi r-rappreżentanti tal-oppożizzjoni huma sistematikament soġġetti għal attakki verbali, kampanji *ad hominem* u diżumanizzazzjoni mill-midja tal-gvern jew dik favur il-gvern;

G. billi dan l-attentat ta' qtil l-aktar reċenti huwa biss l-aktar eżempju reċenti ta' rigress serju ħafna fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-prinċipji demokratiċi maqbula b'mod komuni u l-istat tad-dritt fil-Federazzjoni Russa;

H. billi din ir-ripressjoni kontinwa tad-dissidenza soċjali hija msaħħa mill-impunità tal-pulizija u tal-forzi tas-sigurtà kif ukoll min-nuqqas ta' rieda min-naħa tal-qrati li jressqu lill-awturi reali ta' dawn ir-reati, li mhux biss ma jiġux ikkastigati, iżda saħansitra jiġu ppremjati min-naħa tal-Kremlin;

I. billi skont Memorial, is-soċjetà magħrufa tad-drittijiet tal-bniedem Russa, fil-Federazzjoni Russa hemm aktar minn 300 priġunier politiku u reliġjuż; billi l-UE turi solidarjetà mad-dissidenti kollha u mal-poplu Russu, li, minkejja t-theddida għal-libertà tagħhom u għal ħajjithom u l-pressjoni mill-Kremlin u mill-awtoritajiet Russi, ikomplu jiġġieldu għal-libertà, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija;

J. billi l-assassinji u l-attentati ta' assassinji b'motivi politiċi mis-servizzi sigrieti Russi għandhom impatt dirett fuq is-sigurtà interna tal-UE;

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

K. billi l-isptar Charité – Universitätsmedizin Berlin ikkonkluda li Alexei Navalny ġie vvelenat b'aġent nervin tal-grupp Novichok, li huwa grad militari ta' aġenti nervini żviluppati mill-Unjoni Sovjetika u l-Federazzjoni Russa; billi din is-sejba ġiet ikkonfermata minn laboratorju speċjalizzat tal-forzi armati Ġermaniżi u minn diversi laboratorji li jaħdmu b'mod indipendenti; billi l-aġent nervin Novichok reċentement intuża, f'Marzu 2018, fit-territorju tal-UE f'attakk fuq l-ex operatur tal-intelligence Russu Sergei Skripal u bintu Yulia Skripal f'Salisbury, fir-Renju Unit, attakk li kkawża wkoll il-mewt aċċidentali ta' Dawn Sturgess, residenta ta' Amesbury;

L. billi t-tobba Russi kienu l-ewwel li ttrattaw lil Alexei Navalny minħabba avvelenament u wara sostnew li ma kienx hemm traċċi ta' velenu f'ġismu u ppruvaw iżommuh milli jiġi ttrasportat 'il barra mill-pajjiż, u billi l-awtoritajiet Russi jiċħdu kwalunkwe konnessjoni mal-inċident;

M. billi l-aġent nervin Novichok huwa strument li ġie żviluppat unikament għall-istrutturi militari u s-servizzi sigrieti fir-Russja, u huwa disponibbli għalihom biss; billi sustanzi ta' dan it-tip huma regolati mil-liġi Russa; billi l-aġent nervin Novichok huwa arma kimika li tista' tiġi żviluppata biss f'laboratorji militari li jappartjenu lill-istat u ma tistax tiġi akkwistata minn individwi privati; billi, madankollu, jekk dan ikun il-każ, dan ikun ksur tal-impenji legali internazzjonali tar-Russja;

N. billi l-Kunsill appella lill-awtoritajiet Russi biex iwettqu investigazzjoni bir-reqqa dwar l-attentat ta' qtil ta' Alexei Navalny, appella għal rispons internazzjonali konġunt u rriżerva d-dritt tiegħu li jieħu azzjonijiet xierqa, inklużi miżuri restrittivi;

O. billi skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi, kwalunkwe avvelenament ta' individwu permezz tal-użu ta' aġent nervin huwa meqjus bħala użu ta' armi kimiċi, u billi l-użu ta' armi kimiċi minn kwalunkwe persuna taħt kwalunkwe ċirkostanza jikkostitwixxi ksur serju tad-dritt internazzjonali u tal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; billi wara l-adozzjoni unanima ta' żewġ proposti għal dak il-għan, inkluża waħda mressqa mill-Federazzjoni Russa, Novichok ġie miżjud mal-lista ta' sustanzi kontrollati tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi u għalhekk huwa soġġett għal-linji gwida ta' kontroll l-aktar stretti skont il-Konvenzjoni;

P. billi d-drittijiet għal-libertà tal-ħsieb u tal-kelma, tal-assoċjazzjoni u tal-għaqda paċifika huma minquxa fil-kostituzzjoni tal-Federazzjoni Russa;

Q. billi l-uffiċċji ta' informazzjoni Russi kkontrollati mill-istat qed jippruvaw jinnegaw ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet Russi fl-attentat ta' qtil ta' Alexei Navalny billi jxerrdu d-diżinformazzjoni u jiddevjaw l-attenzjoni mill-ksur kontinwu tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa;

R. billi l-elezzjonijiet reġjonali fir-Russja tat-13 ta' Settembru 2020 irriżultaw f'għadd rekord ta' lmenti dwar il-falsifikazzjoni tar-riżultati; billi fil-bliet fejn Alexei Navalny kien preżenti qabel it-tentattiv tiegħu li jiġi avvelenat (Novosibirsk u Tomsk), is-sistema ta' votazzjoni intelliġenti tiegħu wriet li kienet effikaċi u għenet biex tegħleb il-kandidati ta' Putin;

S. billi l-Parlament Ewropew uffiċjalment wasal għall-konklużjoni li r-Russja ma tistax tibqa' titqies bħala "sieħba strateġika", anke fid-dawl tal-politika barranija antagonistika tagħha, inklużi l-interventi militari u l-okkupazzjonijiet illegali f'pajjiżi terzi;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-attentat ta' qtil ta' Alexei Navalny u jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar l-użu ripetut ta' aġenti nervini kimiċi kontra ċ-ċittadini Russi;

2. Ifakkar li l-użu ta' armi kimiċi taħt kwalunkwe ċirkostanza jikkostitwixxi reat kundannabbli skont id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari skont il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi;

3. Jissottolinja li l-attentat ta' qtil ta' Alexei Navalny kien parti minn sforz sistemiku biex isikket lilu u lil ilħna dissidenti oħra, u biex jiskoraġġixxi lilu u lil dawk l-ilħna milli jesponu aktar korruzzjoni serja fir-reġim u jiskoraġġixxu l-oppożizzjoni politika fil-pajjiż b'mod ġenerali, partikolarment bil-ħsieb li jinfluwenzaw l-elezzjonijiet sekondarji lokali u reġjonali tar-Russja ta' bejn il-11 u t-13 ta' Settembru 2020;

4. Itenni li l-każ ta' Alexei Navalny huwa element wieħed ta' politika Russa usa' li tiffoka fuq politiki interni oppressivi u azzjonijiet aggressivi madwar id-dinja, it-tixrid tal-instabbiltà u l-kaos, l-istabbilizzazzjoni mill-ġdid tal-isfera tal-influwenza u d-dominanza tagħha, u d-dgħajfien tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli;

5. Jitlob li tinbeda investigazzjoni internazzjonali b'mod immedjat (bl-involviment tal-UE, in-NU, il-Kunsill tal-Ewropa, l-alleati tagħhom u l-OPCW) u jenfasizza d-determinazzjoni tiegħu li jikkontribwixxi għal tali investigazzjoni; jistieden lill-OPCW tistabbilixxi investigazzjoni dettaljata dwar il-ksur tal-impenji internazzjonali tar-Russja fil-qasam tal-armi kimiċi; jistieden lill-awtoritajiet Russi jikkooperaw bis-sħiħ mal-OPCW biex jiżguraw investigazzjoni internazzjonali imparzjali u biex iżommu responsabbli lil dawk responsabbli għad-delitt imwettaq kontra Alexei Navalny;

6. Jistieden lill-Kunsill Affarijiet Barranin jieħu pożizzjoni attiva dwar din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Settembru 2020; jitlob li l-UE tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun lista ta' miżuri restrittivi ambizzjużi fir-rigward tar-Russja u ssaħħaħ is-sanzjonijiet eżistenti tagħha kontra r-Russja; iħeġġeġ l-implimentazzjoni ta' tali mekkaniżmi ta' sanzjonijiet b'tali mod li jippermettu l-ġbir u l-iffriżar tal-assi Ewropej tal-individwi korrotti skont is-sejbiet tal-Fondazzjoni Kontra l-Korruzzjoni ta' Alexei Navalny;

7. Jistieden lill-awtoritajiet Russi jtemmu l-fastidju, l-intimidazzjoni, il-vjolenza u r-ripressjoni tal-avversarji politiċi tagħhom billi jtemmu l-klima prevalenti ta' impunità, li diġà wasslet biex tilfu ħajjithom ħafna ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u politiċi tal-oppożizzjoni; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li tali individwi jkunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet leġittimi u utli tagħhom mingħajr ebda interferenza u mingħajr biża' għal ħajjithom jew għal dawk tal-membri tal-familja u l-ħbieb tagħhom;

8. Jistieden lill-UE titlob b'mod kontinwu li r-Russja tirrevoka jew temenda l-liġijiet kollha inkompatibbli mal-istandards internazzjonali, inklużi l-bidliet reċenti li saru b'mod illegali fil-Kostituzzjoni Russa u l-qafas legali tagħha għall-elezzjonijiet u l-leġiżlazzjoni dwar l-aġenti barranin u l-organizzazzjonijiet mhux mixtieqa, sabiex jiġi ffaċilitat il-pluraliżmu u l-elezzjonijiet ħielsa u ġusti u jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-kandidati tal-oppożizzjoni;

9. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-forzi demokratiċi fir-Russja, li huma impenjati favur soċjetà miftuħa u ħielsa, u l-appoġġ tiegħu għall-individwi u l-organizzazzjonijiet kollha li huma fil-mira ta' attakki u repressjoni;

10. Jissottolinja d-dmir tal-Federazzjoni Russa, bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, li tirrispetta d-dritt internazzjonali u l-ftehimiet u l-konvenzjonijiet rilevanti, u li tikkonforma bis-sħiħ mal-impenji internazzjonali tagħha, inkluż li tikkoopera mal-OPCW fl-investigazzjoni ta' kwalunkwe ksur tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi;

11. Iħeġġeġ lill-Federazzjoni Russa tindirizza b'mod urġenti l-mistoqsijiet imressqa mill-komunità internazzjonali u tipprovdi lill-OPCW informazzjoni immedjata, sħiħa u kompluta dwar il-programm tagħha Novichok;

12. Jenfasizza li l-Federazzjoni Russa, bħala membru tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-OSKE, impenjat ruħha li tirrispetta l-libertajiet fundamentali, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt kif minqux fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

13. Jistieden lill-VP/RGħ u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jiżguraw li meta jerġgħu jibdew il-konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u r-Russja jitqajmu l-każijiet tal-persuni kollha pproċessati għal raġunijiet politiċi, u li r-rappreżentanti tar-Russja f'dawn il-konsultazzjonijiet jintalbu jwieġbu formalment dwar kull każ; jistieden lill-Presidenti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, kif ukoll lill-VP/RGħ, ikomplu jsegwu każijiet bħal dawn mill-qrib, ikomplu jqajmu dawn il-kwistjonijiet fil-formati u l-laqgħat differenti mar-Russja, u jirrappurtaw lura lill-Parlament dwar l-iskambji ta' fehmiet mal-awtoritajiet Russi;

14. Jistieden lill-Istati Membri biex jikkoordinaw il-pożizzjonijiet tagħhom fir-rigward tar-Russja u biex jitkellmu b'vuċi waħda f'fora bilaterali u multilaterali mal-awtoritajiet Russi;

15. Itenni li huwa urġenti ħafna li titnieda valutazzjoni mill-ġdid strateġika u bir-reqqa tar-relazzjonijiet tal-UE mar-Russja, li tinkludi l-prinċipji li ġejjin:

(a) appell lill-VP/RGħ biex jirrieżamina l-politika tal-UE fir-rigward tar-Russja u l-ħames prinċipji gwida għar-relazzjonijiet tal-UE mar-Russja u jiżviluppa strateġija komprensiva ġdida, li tkun tiddependi fuq żviluppi ulterjuri fil-qasam tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem mit-tmexxija u l-awtoritajiet Russi;

Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

(b) appell lill-Istati Membri biex ikomplu jiżolaw lir-Russja f'fora internazzjonali (bħall-G7 u formati oħra) u jagħmlu rieżami b'mod kritiku tal-kooperazzjoni tal-UE mar-Russja permezz ta' diversi pjattaformi tal-politika barranija;

(c) appell lill-Kunsill biex jipprijoritizza l-approvazzjoni tal-mekkaniżmu ta' sanzjonijiet tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem tat-tip Magnitsky u l-implimentazzjoni tiegħu fil-futur qarib, li se jinkludi lista ta' individwi u jista' jinkludi wkoll sanzjonijiet settorjali mmirati lejn ir-reġim Russu;

(d) fid-dawl tal-każ Navalny, itenni l-pożizzjoni tiegħu preċedenti li jitwaqqaf il-proġett Nord Stream 2;

(e) appell lill-Kunsill biex jadotta strateġija tal-UE biex jappoġġja d-dissidenti Russi, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-mezzi tax-xandir/ġurnalisti indipendenti, filwaqt li tagħmel użu sħiħ mill-mekkaniżmi tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, jinħolqu opportunitajiet addizzjonali għaż-żgħażagħ Russi biex jistudjaw fl-UE, u jkun hemm assistenza fit-tnedija ta' università Russa fl-eżilju f'wieħed mill-Istati Membri;

(f) appell lill-Kunsill biex immedjatament jibda t-tħejjijiet u jadotta strateġija tal-UE għal relazzjonijiet futuri ma' Russja demokratika, inkluża offerta wiesgħa ta' inċentivi u kundizzjonijiet biex jissaħħu t-tendenzi domestiċi lejn il-libertà u d-demokrazija;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa u lill-President, il-Gvern u l-Parlament tal-Federazzjoni Russa.